**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | |
|---|---|
| **Laqgħa Nru. 08/21** | |
| **Data:** | Il-Ħamis, 23 ta' Settembru 2021 |
| **Ħin:** | 6:00pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier<br>Roderick Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv<br>Amanda Abela - Kunsilliera |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **08.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **08.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **08.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **08.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **08.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **08.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **08.07** | **Tenders;** |
| **08.08** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **08.09** | **Mozzjonijiet; u** |
| **08.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**08. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li Abela, Camilleri, Caruana u Fenech ma setgħux jattendu l-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol u safar. | Segretarju Eżekuttiv |

**08. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Caruana Ray<br>Sekondant: Viċi-Sindku | Il-Minuti 07/21 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 08. 2. 1 | 07.02.03 | Chircop | Titneħħa 250 sena | |
| 08. 2. 2 | 07.05.01 | Viċi-Sindku | Jiżdied li jiġu rranġati l-bankijiet ukoll. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**08. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2 5 | 07.02.08 | Chircop: Tourist Guide Book | Chircop qal li dan huwa printjat u ser jinġieb il-Kunsill fit-28 ta' Settembru sabiex ikun jista' jitqassam b'donazzjoni ta' €5 | Chircop |
| 08. 2 6 | 07.05.06 | Chircop: Sottomissjonijiet għall-ktieb bid-djalett Żejtuni | Chircop qal li dawn issa għalqu u kien hemm 53 parteċipant. Bħalissa l-ġurija qed tevalwa dawn is-sottomissjonijiet u ser jiġu ppublikati fil-ktieb fl-aħħar ta' Ottubru. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 2 | 7 | 07.02.11 | Viċi-Sindku: Bye-law tal-ħamiem | Il-Viċi-Sindku staqsiet fiex wasalna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bagħtna d-draft kif ukoll l-Annex u l-AKL ser tkun qed tlaqqa' l-kunsilli sabiex ituna gwida kif ser jitħaddem l-alf tal-ħamiem biex ikunu sterilizzati. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08. | 2 | 8 | 07.02.12 | Viċi-Sindku: Triq il-President Anton Buttiġieġ | Il-Viċi-Sindku staqsiet għalfejn għadhom ma sarux. Suppost dawn għanhom isiru minn IM pero ser nitkellmu mal-Koptasin biex isisru malajr kemm jista' jkun għax inkella ser indumu iktar nistennew. | Sindku |
| 08. | 2 | 9 | 07.02.18 | Viċi-Sindku: Żbir ta' siġra | Il-Viċi-Sindku reġat staqsiet dwar dan u ser isir dalwaqt. | |
| 08. | 2 | 10 | 07.05.05 | Viċi-Sindku: Żejt iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku qalet li din is-sena ser terġa ssir il-kompetizzjoni tat-tisjir b'riċetti taż-żejt taż-żebbuġa, il-poster diġa ħareġ. Sar filmat minn TVM relatat ma' dan l-avveniment u l-proġett tal-Olive Twist. Dan ser jixxandar f'Ottubru. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li features bħal dawn għandu jiġi avżat l-Kunsill qabel ma jsir. | Viċi-Sindku |
| 08. | 2 | 11 | 07.02.06 | Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li waqt ix-xogħlijiet nstab xelter privat, ġie mnaddaf u raw li huwa sikur. Ser isiru tibdiliet fil-livelli tat-triq u dan ser jikkawża iktar dewmien. | Sindku |
| 08. | 2 | 12 | 07.02.14 | Sindku: Fondi mill-Era | Is-Sindku qalet li ltqajna' mal-perit fejn applikajna għall-fondi tal-proġetti taħt l-iskema Bellus u hemm il-ħsieb li l-fondi jmorru għat-tisbiħ tar-ring road ta' Ġebel San Martin billi sir jogging trek mad-dawra. Il-Viċi-Sindku qalet li hemm talba mir-residenti sabiex issir zebra crossing. Is-Sindku qalet li dik diġa konna applikajna għaliha, ser nerġgħu niċċekjaw dwarha. | Sindku |
| 08. | 2 | 13 | 07.02.16 | Sindku: European Mobility Week | Is-Sindku qalet li ma ġejniex magħżulin sabiex nieħdu l-fondi bħala lokal. Għad baqa' pendenti l-applikazzjoni għall-fondi tal-van elettriku. | |
| 08. | 2 | 14 | 07.02.19 | Sindku: Bike Racks | Is-Sindlu qalet li dawn twaħħlu u baqa' biss dawk li ser jitwaħħlu l-iskejjel. Dan ix-xogħol ser isir meta jiftħu. | Fenech |
| 08. | 2 | 15 | 07.03.03 | Sindku: Toroq | Is-Sindku qalet li bdew ix-xogħlijiet mill-WSC fit-toroq Beland u Fawstina. Is-Supretendenza tal-wirt kulturi waqfet ix-xogħol minħabba xi fdalijiet li nstabu sakemm dawn jiġu studjati. Għaldaqstant ix-xogħol fi Triq Beland u Fawstina huwa wieqaf mentri għaddej xogħol ieħor fi Triq il-Kammumilla. Dan qed joħloq dewmien. | Sindku |
| 08. | 2 | 16 | 07.02.03 | Sindku: Proġett *Olive Twist* | Is-Sindku qalet li dan il-proġett miexi u issa wasalna sabiex jiġu finalizzati l-forom li saru bl-għajnuna tat-tfal minn Skola Primarja B u t-tfal taż-Żejtun Corinthians Nursery. Dan il-proġett ser jiġi inawgurat fl-4 ta' Ottubru 2021. | Sindku / Chircop |

**08 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML08/21. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 3 | 1 | | Sindku: *Resident First* | Fit-13 ta' Settembru saret it-tnedija mill-AKL tad-dokument tar-*Resident First* li kien jittratta c-*charging pillar.* Il-Gvern huwa kommess li jilħaq il-miri tiegħu sabiex jiżdied in-numru ta' karozzi elettriċi. Biex isir dan iridu jitwaħħlu dawn ic-charging pillarsf'kull lokalita'. Fiż-Żejtun sa issasaru tnejn waħda fi Triq it-Tamburin li hija lesta u oħra f' Misraħ is-Suq. Sfortunatament dawn ma sarux fejn indika l-Kunsill. | Sindku |
| 08 | 3 | 2 | | Sindku: Filmat 3D video dwar il-parroċċa | Is-Sindku qalet li r-Reġjun Xlokk kien sponsorja dan il-filmat pero kien hemm żbalji żgħar li ser jiġu rranġati qabel ikun finalizzat u jitġi mtella'. | Sindku |
| 08 | 3 | 3 | | Sindku: Ħaddiem ingaġġat mal-Kunsill | Is-Sindku qalet li ġie ingaġġat ħaddiem mill-RSSL fejn ser ikun qed jagħmel tmin siegħat fil-ġimgħa, xogħol klerikali. | Sindku |
| 08 | 3 | 4 | | Sindku: Kameras ta' sorveljanza | Is-Sindku qalet li ser jiġu nstallati kameras li ser ikunu maniġjati mill-LESA fi Triq Santa Katarina k/m Triq Alfred Cachia Żammit kif ukoll f'Misraħ ir-Repubblika sabiex jinqata' l-abbuż ta' parkeġġ bl-addoċċ u f'dawn iż-żoni jonqos il-periklu għas-sewwieqa. Qalet ukoll li ġejna avviċinati mill-kumpanija Unitec Security sabiex ituna kameras għal Triq tal-Ħotba. Is-Sindku tkellmet ma' Sa Maria Buhagiar CEO tas-Saint James Hospital li minn naħa tagħha ser toffrilna s-servizz tad-dawl sabiex jinqata' l-abbuż ta' rimi ta' skart f'din iż-żona. Kien hemm qbil dwar dan. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 3 | 5 | | Fenech: Wifi EU | Fenech qalet li għadna qed naraw x'jinvolvi bħala spejjeż sabiex jitjieb il-wifi fid-diversi żoni. | Fenech |
| 08 | 3 | 6 | 02 | LCA: Tindif ta' Culverts | Is-Sindku irringrazzjat lil-Cleansing Department għal xogħol ta' tindif ta' culverts li sar fi Triq Ħaż Żabbar. | Sindku |
| 08 | 3 | 7 | 07 | LCA: President' Solidarity Fun Run 2021 | Fenech qalet li din is-sena ser issir fuq bażi lokali fil-kommunita' u qed tiġi pjanata għall-14 ta' Novembru. | Fenech |
| 08 | 3 | 8 | | Fenech: Tilqima tal-Influwenza | Fenech infurmat lill-kunsill li t-tilqim ser jieħu ħsiebu l-Gvern Ċentrali | Fenech |
| 08 | 3 | 9 | | Fenech: Proġetti għaż Żgħażagħ | Fenech qalet li bħalissa jinsabu f'Sabbionetta fejn qed jiġu diskussjoni diversi proġetti sabiex jattiraw aktar żgħażagħ sabiex jiġu Malta kif ukoll imorru f'pajjiżi diversi. | Fenech |
| 08 | 3 | 10 | 16 | Gal Xlokk: Bust tas-Sur Attard | Il-Gal Xlokk qabel mal-proposta li dan għandu jsir f'Misraħ Karlu Diacono biżwit il-monument tal-Ħelsien. | |
| 08 | 3 | 11 | 18 | LESA - Proġetti fil-komunita' | Il-Kunsill ser ikun qed japplika għal dawn il-fondi u ser nallokaw dawn il-fondi sabiex isir servizz komunitarju għall-trasport fil-komunita' | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 3 | 12 | Belt Kulturali | Is-Sindku qalet li ġejna skwalifikati minħabba nuqqas ta' involviment mal-bliet ġemellaġġi. Saru kummenti li minħabba l-Covid-19 dan ma setax isir kif suppost. | Chircop |
| 08 | 3 | 13 | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li hemm bozza maqtugħa fi Blokk D ta' Ganza. Ser issir l-applikazzjoni u ssemma l-fatt li dawn l-applikazzjonijiet qed jieħdu ftit fit-tul minħabba diversi fatturi li m'għandniex kontroll fuqhom. | Caruana Ray |
| 08 | 3 | 14 | Viċi-Sindku: Siġra mejta | Il-Viċi-Sindku qalet li hemm siġra mejta quddiem entratura ta' għalqa fi Vjal 25 ta' Novembru. Qed issir applikazzjoni mal-ERA sabiex din tkun tista' titneħħa. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 3 | 15 | Viċi-Sindku: Latrini f'Misraħ is-Suq | Il-Viċi-Sindku qalet li hemm bżonn iktar tindif ta' dawn il-latrini. | |
| 08 | 3 | 16 | Viċi-Sindku: Korsijiet | Il-Viċi-Sindku qalet li bi pjaċir tista' tgħid li tifla ta' 11 -il sena tgħallmet tagħmel il-bizzilla. | Viċi-Sindku |
| 08 | 3 | 17 | Sinku: Tindif ta' culverts | Is-Sindku qalet li Baldacchino qed jieħu ħsieb jikkordina x-xogħol ta' tindif tal-culverts madwar il-lokal kollu biex ma jkollniex problemi bl-ilmijiet x-xita. | Baldacchino |

**08. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 4 | 1 | | Website | Ġie diskuss li s-sit għandu bżonn dawra fl-informazzjoni u ritratti. Ser naraw x'hemm bżonn materjal u jittella' malajr kemm jista' jkun. | |

**08. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 5 | 1 | | Caruana Ray: Mirja | Caruana qal li hemm bżonn titwaħħal mera fi Triq Ħal Ġwann. | |
| 8 | 5 | 2 | | Aċċess għal Internet Banking | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba sabiex l-impjegata Ann-Marie Borg ikollha aċċess għal internet banking tal-kunsill sabiex tkun tista' tamministra u tgħaddi pagamenti. Kien hemm qbil unanimu dawr dan u ma nstabet l-ebda oġġezzjoni li dan l-aċċess jingħata. | Segretarju Eżekuttiv |

**08. 6. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 6. | 1 | | Fenech: *Queen's Baton Relay* | Ser issir attivita' f'Ottubru fejn din ser tibda miż-Żejtun u tkun qed tissinifika l-*Common Wealth Games*. Ser nippruvaw ninkludu t-tfal tal-iskola u ser nippruvaw inkellmu lis-Sa Karla Scicluna li hija atleta li qed tieħu sehem f'dawn il-logħob sabiex nistiednuha tiltaqa' ma' dawk preżenti. Ser inħeġġu wkoll biex dak inhar issir bike day. | Fenech |
| 08. | 6. | 2 | | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop qal li l-kunċert tal-Milied huwa pjanat li jsir qabel l-24 ta' Diċembru u ser jistieden lil-Voca Choir. Aktar dettalji jitħabbru hekk kif ikunu finalizzati. Għal dan ser napplikaw għall-fondi li ser jinħarġu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali taħt l-iskema SPI.SCI.6.2021 Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Milied 2021 | Chircop |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 6. 3 | | Chircop: Lejla Letterarja | Chircop qal li dan hemm il-ħsieb li jsir fil-bidu ta' Novembru. Isir it-tnedija tal-ktieb Kelmtejn mill-Poplin flimkien mal-MUYA b'serata fejn jinqraw il-kitbiet li hemm il-fondi għaliha mogħtija mill-Kunsill għall-Volontarjat. | Chircop |
| 08. 6. 4 | | Chircop: Sejħa għaż-Żgħażagħ | Chircop qal li ser tinfetaħ sejħa għaż-żgħażagħ sabiex isiru workshops dwar l-Għana. Il-fondi għaliha kienu ġew mill-Ministeru tal-Ugwaljanza. | Chircop |
| 08. 6. 5 | | Chircop: Workbook dwar iż-Żejtun | Chircop qal li flimkien mal-kunsilliera Camilleri qed jaħdmu fuqu u wasal biex jiġi printjat u ser jitqassam lis-studenti talr-raba' sena f'Novembru. Fl-istess żmein ser jitqassmu l-kotba Triqat iż-Żejtun lill-istudenti tas-sitt sena. | Chircop / Camilleri |
| 08. 6. 6 | | Viċi-Sindku: Żejt iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku qalet li jridu jiddiskutu mat-tfal sabiex isiru mementos għal Żejt iż-Żejtun. | Viċi-Sindku |
| 08. 6. 7 | | Viċi-Sindku: Ħarġa għal Esplora | Ser issir ħarġa għall-adulti fis-27 ta' Ottubru għall-Esplora | Viċi-Sindku |
| 08. 6. 8 | | Viċi-Sindku: Halloween | Ser issir attivita' għal żmien il-Halloween fil-31 t'Ottubru. | Viċi-Sindku |
| 08. 6. 9 | | Viċi-Sindku: Ħarġa għat-tfal | Din ser issir fl-Esplora fis-6 ta' Novembru | Viċi-Sindku |
| 08. 6. 10 | | Viċi-Sindku: Weekend Break | Dan ser bejn it-12 u l-14 ta' Novembru | Viċi-Sindku |

**08. 7.** ***Tenders;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08 7 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-tenders mitfugħa għal-perizja qed jiġu ġġudikati kif ukoll għada jagħlaq it-tender għal-knies tat-toroq. | Segretarju Eżekuttiv |

**08. 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 8. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/21 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08. 8. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 08/21 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08. 8. 3 | | *Petty Cash* - Awwissu 2021 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Jannar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €150.30 | Segretarju Eżekuttiv |

**08 9 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 9 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa | |

**08 10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8.10pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Ottubru 2021 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFFIRMATA

Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv